2025/1265

14.10.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1265

tal-1 ta' Lulju 2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodu għall-identifikazzjoni tal-motivatur tar-riskju ewlieni ta' pożizzjoni u għad-determinazzjoni ta' jekk tranżazzjoni tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira kif imsemmi fl-Artikoli 94(3), 273a(3) u 325a(2)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 94(10), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Id-daqs tan-negozju jikkostitwixxi indikatur għall-grad ta' sofistikazzjoni li l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jkollhom fil-kalkoli tal-kapital tagħhom. Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-istituzzjonijiet jitħallewx jużaw metodi simplifikati għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji ta' kreditu tas-suq u tal-kontroparti, huma meħtieġa jikkalkulaw id-daqs tan-negozju fil-karta tal-bilanċ u li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ f'konformità mal-Artikolu 94(1), l-Artikolu 273a(1) u (2), u l-Artikolu 325a(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-identifikazzjoni tal-motivatur ewlieni tar-riskju ta' pożizzjoni u, fuq dik il-bażi, id-determinazzjoni ta' jekk tranżazzjoni tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira, huma fundamentali għall-kalkolu korrett tad-daqs tan-negozju. Minħabba l-importanza ta' dawk il-kalkoli għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, il-metodu għall-identifikazzjoni tal-motivatur ewlieni tar-riskju ta' pożizzjoni u għad-determinazzjoni ta' jekk tranżazzjoni tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira jenħtieġ li jkun proporzjonat mal-grad ta' kumplessità tal-istituzzjoni.

(2) Il-metodu għad-determinazzjoni ta' jekk tranżazzjoni tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira jenħtieġ li jkun konsistenti mal-metodu biex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjoni hijiex pożizzjoni twila jew qasira għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 575/2013 u stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2021/931 ([2]).

(3) Sabiex jiġu prodotti riżultati preċiżi, il-metodu għall-identifikazzjoni tal-motivatur tar-riskju ewlieni ta' pożizzjoni mhux derivattiva jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-kalkolu tas-sensittivitajiet delta ponderati għar-riskju għall-fatturi tar-riskju, kif stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1a, it-Taqsimiet 2, 3 u 6 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-approċċ, il-metodu għall-identifikazzjoni tal-motivatur ewlieni tar-riskju ta' pożizzjoni jenħtieġ li jkun konsistenti għall-metodu għall-identifikazzjoni tal-motivatur tar-riskju primarju u l-aktar motivatur tar-riskju materjali fit-tranżazzjonijiet derivattivi stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2021/931.

(4) Il-metodu għad-determinazzjoni ta' jekk tranżazzjoni tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-kalkolu tas-sensittività delta ponderata għar-riskju għall-motivatur tar-riskju ewlieni. Meta l-istituzzjonijiet ma jkunux jistgħu jikkalkulaw is-sensittività delta ponderata għar-riskju, huma jenħtieġ li jiddeterminaw dik is-sensittività billi jivvalutaw l-iskop tan-negozjar jew tal-ilħeġġjar tat-tranżazzjoni.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/931 tal-1 ta' Marzu 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodu għall-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet derivattivi b'motivatur tar-riskju materjali wieħed jew aktar għall-finijiet tal-Artikolu 277(5), il-formula għall-kalkolu tad-delta superviżorja tal-opzjonijiet call u put ikklassifikati fil-kategorija tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u l-metodu biex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjoni hijiex pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju primarju jew fl-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 279a(3)(a) u (b) fl-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti (ĠU L 204, 10.6.2021, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/931/oj).

(5) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit approċċ simplifikat għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi li jistgħu ma jkunux kapaċi jikkalkulaw is-sensittivitajiet delta ponderati għar-riskju, jew jistgħu ma jkunux jistgħu jużaw il-metodi għall-identifikazzjoni tal-motivatur tar-riskju primarju u l-aktar motivatur tar-riskju materjali fi tranżazzjonijiet derivattivi stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2021/931. Dak l-approċċ simplifikat jenħtieġ li jkun adattat għall-istrumenti li normalment jinnegozjaw istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi. Istituzzjonijiet akbar jenħtieġ li jkollhom ukoll il-possibbiltà li jużaw dak l-approċċ simplifikat fejn jinnegozjaw strumenti sempliċi li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-approċċ simplifikat.

(6) L-approċċ simplifikat jenħtieġ li jwassal għal riżultati li huma konsistenti mal-approċċ tas-sensittivitajiet delta ponderati għar-riskju. Madankollu, jenħtieġ li jiġu introdotti suppożizzjonijiet ta' simplifikazzjoni biex jitnaqqas il-piż komputazzjonali u operazzjonali għall-istituzzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward ta' strumenti denominati f'munita li tkun differenti mill-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni. Għal dik ir-raġuni, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jitħallew jinjoraw fid-determinazzjoni tal-motivatur tar-riskju ewlieni r-rata tal-kambju spot bejn il-munita li fiha jkun denominat l-istrument u l-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni għall-istokks, il-bonds u t-tranżazzjonijiet derivattivi li s-sottostanti tagħhom normalment jiġu allokati għall-kategoriji tar-riskju tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu, tal-ekwità jew tal-komoditajiet.

(7) Il-pożizzjonijiet tal-flus fil-munita tar-rapportar ma jenħtieġx li jitqiesu meta jiġi ddeterminat id-daqs tan-negozju, peress li ma jbiddlux il-valur tas-suq tagħhom taħt l-influwenza tal-bidliet fil-motivaturi tar-riskju.

(8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

(9) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Metodu għall-identifikazzjoni tal-motivaturi ewlenin tar-riskju ta' pożizzjoni mhux derivattiva

1. Meta jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni ta' pożizzjoni mhux derivattiva li hija assenjata lill-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjonijiet għandhom l-ewwel jidentifikaw il-fatturi ta' riskju kollha ta' dik il-pożizzjoni li huma d-determinanti prinċipali tal-bidla fil-valur tagħha. Huma għandhom jagħmlu dan billi jivvalutaw mill-inqas il-fatturi ta' riskju msemmija fl-Artikoli 325l sa 325q tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Il-fatturi ta' riskju identifikati mill-istituzzjonijiet għandhom ikunu l-motivaturi tar-riskju tal-pożizzjoni.

2. L-istituzzjonijiet li jkunu identifikaw, f'konformità mal-paragrafu 1, motivatur tar-riskju wieħed biss ta' pożizzjoni mhux derivattiva assenjata lill-portafoll tan-negozjar għandhom jieħdu dak il-motivatur tar-riskju bħala l-motivatur tar-riskju ewlieni ta' dik il-pożizzjoni.

3. L-istituzzjonijiet li jkunu identifikaw, f'konformità mal-paragrafu 1, aktar minn motivatur tar-riskju wieħed ta' pożizzjoni mhux derivattiva assenjata lill-portafoll tan-negozjar għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni ta' dik il-pożizzjoni billi japplikaw il-passi li ġejjin fl-ordni li ġejja:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet għar-riskju delta f'konformità mal-Artikoli 325r u 325t tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal kull motivatur tar-riskju identifikat f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet ponderati f'konformità mal-formula stabbilita fl-Artikolu 325f(6) ta' dak ir-Regolament, billi jużaw is-sensittivitajiet ikkalkulati f'konformità mal-punt (a) ta' dan il-paragrafu;

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj).

(c) l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala l-motivatur tar-riskju li jikkorrispondi għall-ogħla valur assolut tas-sensittivitajiet ponderati kkalkulati f'konformità mal-punt (b) ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 2

Metodu biex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjoni mhux derivattiva tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha

Meta l-istituzzjonijiet jiddeterminaw jekk pożizzjoni mhux derivattiva tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 94(3) u l-Artikolu 325a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandhom japplikaw wieħed mill-metodi li ġejjin:

(a) il-kalkolu tas-sensittività għar-riskju delta tal-motivatur tar-riskju ewlieni f'konformità mal-Artikolu 325r tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-identifikar t-tranżazzjoni bħala:

(i) pożizzjoni twila f'dak il-motivatur tar-riskju fejn is-sensittività għar-riskju delta korrispondenti tkun pożittiva; jew

(ii) pożizzjoni qasira f'dak il-motivatur tar-riskju fejn is-sensittività għar-riskju delta korrispondenti tkun negattiva;

(b) tivvaluta d-dipendenza tal-valur tal-pożizzjoni fuq il-motivatur ewlieni tar-riskju billi tikkunsidra l-iskop tan-negozjar jew tal-iħħeġġjar tat-tranżazzjoni fir-rigward ta' dak il-motivatur tar-riskju u tidentifika t-tranżazzjoni bħala pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha abbażi ta' dik il-valutazzjoni.

Artikolu 3

Metodu simplifikat għall-identifikazzjoni tal-motivatur tar-riskju ewlieni ta' pożizzjoni mhux derivattiva u għad-determinazzjoni ta' jekk it-tranżazzjoni mhux derivattiva tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha

1. B'deroga mill-Artikoli 1 u 2, l-istituzzjonijiet jistgħu jidentifikaw il-motivatur ewlieni tar-riskju tal-pożizzjonijiet mhux derivattivi msemmija fil-paragrafi 2 sa 8 ta' dan l-Artikolu u jiddeterminaw jekk tali pożizzjonijiet jirrappreżentawx pożizzjonijiet twal jew qosra fil-motivatur tar-riskju ewlieni billi japplikaw l-approċċi stabbiliti f'dawk il-paragrafi.

2. Għal bonds li jikkonsistu fi strumenti ta' dejn b'rata fissa mingħajr karatteristiċi ta' opzjonalità, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-approċċ li ġej:

(a) huma għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u s-settur tal-bond imsemmi fl-Artikolu 325ah tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-maturità residwa tal-bond, abbażi ta' waħda minn dawn li ġejjin:

(i) It-tabella 1 fl-Anness ta' dan ir-Regolament, fejn il-flussi tal-flus tal-bond ma jkunux funzjonalment dipendenti fuq ir-rati tal-inflazzjoni;

(ii) It-tabella 2 fl-Anness ta' dan ir-Regolament, fejn il-flussi tal-flus tal-bond huma funzjonalment dipendenti fuq ir-rati tal-inflazzjoni;

(b) meta l-motivatur tar-riskju ewlieni identifikat f'konformità mal-punt (a) ta' dan il-paragrafu jkun ir-rata mingħajr riskju, dak il-motivatur tar-riskju ewlieni għandu jkun fil-munita li fiha jkun denominat il-bond u b'waħda mill-maturitajiet stabbiliti fl-Artikolu 325l(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, magħżula biex taqbel kemm jista' jkun mal-maturità tal-bond;

(c) meta l-motivatur tar-riskju ewlieni identifikat f'konformità mal-punt (a) ta' dan il-paragrafu jkun ir-rata tal-firxa tal-kreditu tal-emittent, dak il-motivatur tar-riskju ewlieni għandu jkun il-firxa tal-kreditu tal-emittent tal-bond u b'waħda mill-maturitajiet stabbiliti fl-Artikolu 325m(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, magħżula biex taqbel kemm jista' jkun mal-maturità tal-bond;

(d) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw jekk il-pożizzjoni tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha abbażi ta' dan li ġej:

(i) meta l-motivatur tar-riskju ewlieni identifikat taħt il-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu jkun ir-rata mingħajr riskju jew ir-rata tal-firxa tal-kreditu tal-emittent, il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn jinbiegħ il-bond, u qasira fejn jinxtara l-bond;

(ii) fejn il-motivatur tar-riskju ewlieni identifikat taħt il-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu huwa r-rata tal-inflazzjoni, il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn jinxtara l-bond, u qasira fejn jinbiegħ il-bond.

3. Għal bonds li jikkonsistu fi strumenti ta' dejn b'rata varjabbli mingħajr karatteristiċi ta' opzjonalità, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-approċċ stabbilit fil-paragrafu 2. Meta l-motivatur tar-riskju ewlieni identifikat f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (a), ikun ir-rata mingħajr riskju u l-maturità residwa tal-bond tkun ogħla minn sena, il-motivatur tar-riskju ewlieni għandu jkun minflok ir-rata tal-firxa tal-kreditu tal-emittent, iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (c).

4. Għal pożizzjoni tal-istokk, il-motivatur tar-riskju ewlieni għandu jkun il-prezz spot tal-ekwità.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn jinxtara l-istokk, u qasira fejn jinbiegħ l-istokk.

5. Għal pożizzjoni ta' flus f'munita differenti mill-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni, il-motivatur tar-riskju ewlieni għandu jkun ir-rata tal-kambju spot bejn il-munita ta' dik il-pożizzjoni ta' flus u l-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn il-pożizzjoni ta' flus hija entrata ta' assi, u qasira meta tkun entrata ta' obbligazzjoni.

6. Għal pożizzjonijiet f'komodità fiżika, il-motivatur tar-riskju ewlieni għandu jkun il-prezz spot tal-komoditajiet li jikkorrispondi għat-tip ta' komodità tal-pożizzjoni.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha meta l-komodità fiżika tkun entrata tal-assi, u qasira meta tkun entrata tal-passiv.

7. Għal pożizzjoni f'impriża ta' investiment kollettiv (CIU), il-motivatur tar-riskju ewlieni għandu jkun il-fattur tar-riskju li jikkorrispondi għal dik is-CIU fil-bucket "settur ieħor" fit-Tabella 8 tal-Artikolu 325ap (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn jinxtraw l-ishma jew l-unitajiet tas-CIU, u qasira fejn jinbiegħu l-ishma jew l-unitajiet tas-CIU.

8. Għal pożizzjoni fi tranżazzjoni ta' riakkwist fejn l-istituzzjoni jew il-kontroparti tagħha tittrasferixxi titoli kif imsemmi fil-paragrafi 2, 3 u 4, il-motivatur tar-riskju ewlieni għandu jkun ir-rata tal-imgħax ġenerali jew ir-rata repo tal-ekwità korrispondenti.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur ewlieni tar-riskju tagħha meta t-tranżazzjoni ta' riakkwist tkun irregolata minn ftehim ta' riakkwist, u qasira meta tkun irregolata minn ftehim ta' retroriakkwist.

Artikolu 4

Metodu għall-identifikazzjoni tal-motivaturi ewlenin tar-riskju ta' pożizzjoni derivattiva

1. Meta jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni ta' pożizzjoni derivattiva, l-istituzzjonijiet għandhom l-ewwel jidentifikaw:

(a) il-motivaturi tar-riskju kollha tat-tranżazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/931;

(b) jekk it-tranżazzjoni għandhiex motivatur tar-riskju materjali wieħed jew aktar, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 ta' dak ir-Regolament Delegat;

(c) il-motivaturi tar-riskju materjali tat-tranżazzjoni u l-aktar motivaturi tar-riskju materjali, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament Delegat.

2. L-istituzzjonijiet li jkunu identifikaw, f'konformità mal-paragrafu 1, tranżazzjoni derivattiva b'motivatur tar-riskju materjali wieħed biss għandhom jieħdu dak il-motivatur tar-riskju bħala l-motivatur tar-riskju ewlieni.

3. L-istituzzjonijiet li jkunu identifikaw, f'konformità mal-paragrafu 1, tranżazzjoni derivattiva b'aktar minn motivatur tar-riskju materjali wieħed li jappartjenu għal kategorija ta' riskju waħda biss kif imsemmi fl-Artikolu 277(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jieħdu l-aktar motivatur tar-riskju materjali f'dik il-kategorija tar-riskju bħala l-motivatur tar-riskju ewlieni.

4. L-istituzzjonijiet li jkunu identifikaw, f'konformità mal-paragrafu 1, tranżazzjoni derivattiva b'aktar minn motivatur tar-riskju materjali wieħed li jappartjenu għal żewġ kategoriji ta' riskju jew aktar kif imsemmi fl-Artikolu 277(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni billi jużaw wieħed mill-metodi li ġejjin:

(a) meta l-istituzzjonijiet ikunu identifikaw motivaturi tar-riskju materjali f'konformità mal-Artikolu 4(2) jew l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/931, il-motivatur tar-riskju ewlieni għandu jkun l-aktar motivatur tar-riskju materjali li jikkorrispondi għas-suppliment tal-ogħla kategorija ta' riskju minn dawk imsemmija fl-Artikoli 280a sa 280f tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) meta l-istituzzjonijiet ikunu identifikaw motivaturi tar-riskju materjali f'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/931, il-motivatur tar-riskju ewlieni għandu jkun l-aktar motivatur tar-riskju materjali li jikkorrispondi għall-ogħla valur assolut tas-sensittivitajiet ponderati msemmija fl-Artikolu 4(3), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament Delegat.

5. Istituzzjoni li tapplika wieħed mill-metodi stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/931 għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura ta' tranżazzjoni derivattiva partikolari għandha tuża l-istess metodu sabiex tidentifika l-motivatur ewlieni tar-riskju ta' dik it-tranżazzjoni.

Artikolu 5

Metodu biex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjoni derivattiva tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha

Meta jiddeterminaw jekk pożizzjoni derivattiva tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 94(3), l-Artikolu 273a(3) u l-Artikolu 325a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw wieħed mill-metodi stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/931 għall-motivatur tar-riskju ewlieni tat-tranżazzjoni.

Artikolu 6

Metodu simplifikat għall-identifikazzjoni tal-motivatur tar-riskju ewlieni ta' pożizzjoni derivattiva u għad-determinazzjoni ta' jekk it-tranżazzjoni derivattiva tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha

1. B'deroga mill-Artikoli 4 u 5, l-istituzzjonijiet jistgħu jidentifikaw il-motivatur ewlieni tar-riskju ta' pożizzjoni derivattiva kif imsemmi fil-paragrafi 2 sa 17 ta' dan l-Artikolu u jiddeterminaw jekk tali pożizzjoni tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha billi japplikaw l-approċċi stabbiliti f'dawk il-paragrafi.

2. Għal futuri jew forwards fuq stokks jew indiċijiet tal-borża, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur ewlieni tar-riskju bħala l-prezz spot tal-ekwità jew il-prezz spot tal-indiċi, rispettivament.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn jinxtraw il-futuri jew forwards, u tkun qasira fejn jinbiegħu.

3. Għal ftehimiet b'rata forward (FRAs) fejn kontroparti waħda tirċievi imgħax b'rata varjabbli u tħallas imgħax b'rata fissa, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala r-rata mingħajr riskju li tikkorrispondi għal dan li ġej:

(a) il-munita msemmija fl-FRA;

(b) waħda mill-maturitajiet stabbiliti fl-Artikolu 325l(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, magħżula biex taqbel kemm jista' jkun mal-maturità tal-FRA.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn l-istituzzjoni tħallas imgħax b'rata fissa, u qasira meta l-istituzzjoni tirċievi imgħax b'rata fissa.

4. Għal futuri jew forwards fuq bonds li jikkonsistu fi strumenti ta' dejn b'rata fissa jew b'rata varjabbli mingħajr karatteristiċi ta' opzjonalità, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw jekk il-bond ikunx inxtara jew inbiegħ skont il-futuri jew il-kuntratt forward u, fuq dik il-bażi, jidentifikaw il-motivatur ewlieni tar-riskju u jiddeterminaw jekk il-pożizzjoni tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha billi japplikaw il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 3(2) jew (3), rispettivament, għall-istrument ta' dejn b'rata fissa jew b'rata varjabbli sottostanti.

5. Għal futuri jew forwards fi skambji bejn munita barranija u l-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala r-rata tal-kambju spot bejn il-munita barranija u l-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn tinxtara l-munita barranija, u qasira fejn tinbiegħ il-munita barranija.

6. Għal futuri jew forwards fuq komoditajiet, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala l-prezz spot tal-komoditajiet li jikkorrispondi għal dan li ġej:

(a) it-tip ta' komodità speċifikat fil-futuri jew fil-kuntratt forward;

(b) waħda mill-maturitajiet stabbiliti fl-Artikolu 325p(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, magħżula biex taqbel kemm jista' jkun mal-maturità tal-futuri jew forwards.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn jinxtraw il-komoditajiet, u tkun qasira fejn jinbiegħu.

7. Għal opzjonijiet call konvenzjonali jew put bi stokk sottostanti wieħed jew indiċi ta' stokks, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala l-prezz spot tal-ekwità jew il-prezz spot tal-indiċi, rispettivament.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn tinxtara l-opzjoni call, u qasira fejn tinbiegħ l-opzjoni call. Il-pożizzjoni għandha tkun twila meta tinbiegħ l-opzjoni put, u qasira meta tinxtara l-opzjoni put.

8. Għal opzjonijiet call konvenzjonali jew put b'bond sottostanti uniku li jikkonsistu fi strument ta' dejn b'rata fissa, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni billi japplikaw il-metodu stabbilit fl-Artikolu 3(2) għall-bond sottostanti.

Meta l-motivatur tar-riskju ewlieni ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 3(2), il-punti (a), (b) u (c), ikun ir-rata mingħajr riskju jew ir-rata tal-firxa tal-kreditu tal-emittent, il-pożizzjoni għandha tkun qasira fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn tinxtara l-opzjoni call, u fit-tul meta tinbiegħ l-opzjoni call, u l-pożizzjoni għandha tkun qasira meta tinbiegħ l-opzjoni put, u fit-tul meta tinxtara l-opzjoni put.

Meta l-motivatur tar-riskju ewlieni ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 3(2), il-punti (a), (b) u (c), ikun ir-rata tal-inflazzjoni, il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn tinxtara l-opzjoni call, u qasira fejn tinbiegħ l-opzjoni call, u l-pożizzjoni għandha tkun twila meta tinbiegħ l-opzjoni put u tkun qasira fejn tinxtara l-opzjoni put.

9. Għal opzjonijiet ta' swap konvenzjonali, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni billi japplikaw il-metodu stabbilit fil-paragrafu 15 għall-iswap tar-rati tal-imgħax sottostanti.

Meta l-opzjoni ta' swap tagħti d-dritt li wieħed jidħol fi swap tar-rata tal-imgħax li fiha d-detentur tal-opzjoni jirċievi imgħax b'rata varjabbli u jħallas imgħax b'rata fissa, il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha meta l-istituzzjoni tkun xtrat l-opzjoni ta' swap, u qasira meta l-istituzzjoni tkun biegħet l-opzjoni ta' swap.

Meta l-opzjoni ta' swap tagħti d-dritt li wieħed jidħol fi swap tar-rata tal-imgħax li fiha d-detentur tal-opzjoni jħallas imgħax b'rata varjabbli u jirċievi imgħax b'rata fissa, il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha meta l-istituzzjoni tkun biegħet l-opzjoni ta' swap, u qasira meta l-istituzzjoni tkun xtrat l-opzjoni ta' swap.

10. Għal-limiti massimi u minimi, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur ewlieni tar-riskju bħala r-rata mingħajr riskju li tikkorrispondi għal dan li ġej:

(a) il-munita msemmija fil-limiti massimi jew minimi;

(b) waħda mill-maturitajiet stabbiliti fl-Artikolu 325l(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, magħżula biex taqbel kemm jista' jkun mal-maturità tal-limiti massimi jew minimi.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn jinxtara l-limitu, u qasira fejn jinbiegħ il-limitu. Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn jinbiegħ il-limitu minimu, u tkun qasira fejn jinxtara l-limitu minimu.

11. Għal opzjonijiet call konvenzjonali jew put b'komodità sottostanti waħda, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala l-prezz spot tal-komoditajiet li jikkorrispondi għal dan li ġej:

(a) it-tip ta' komodità speċifikat fil-kuntratt tal-opzjoni;

(b) waħda mill-maturitajiet stabbiliti fl-Artikolu 325p(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, magħżula biex taqbel kemm jista' jkun mal-maturità tal-opzjoni.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn tinxtara l-opzjoni call, u qasira fejn tinbiegħ l-opzjoni call. Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn tinbiegħ l-opzjoni put, u qasira meta tinxtara l-opzjoni put.

12. Għal opzjonijiet ta' munita konvenzjonali, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala r-rata tal-kambju spot bejn il-munita barranija u l-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn tinxtara l-munita barranija, u qasira fejn tinbiegħ il-munita barranija.

13. Għal swaps ta' inadempjenza tal-kreditu b'isem wieħed, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala r-rata tal-firxa tal-kreditu tal-emittent li tikkorrispondi għal dan li ġej:

(a) l-emittent imsemmi fil-kuntratt ta' swap;

(b) waħda mill-maturitajiet stabbiliti fl-Artikolu 325m(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, magħżula biex taqbel kemm jista' jkun mal-maturità tal-iswap.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn tinxtara l-protezzjoni, u qasira fejn tinbiegħ il-protezzjoni.

14. Għal swaps ta' inadempjenza tal-kreditu tal-indiċi, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala r-rata tal-firxa tal-kreditu li tikkorrispondi għal dan li ġej:

(a) l-indiċi ta' kreditu msemmi fil-kuntratt ta' swap;

(b) waħda mill-maturitajiet stabbiliti fl-Artikolu 325m(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, magħżula biex taqbel kemm jista' jkun mal-maturità tal-iswap.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn tinxtara l-protezzjoni, u qasira fejn tinbiegħ il-protezzjoni.

15. Għal swaps tar-rati tal-imgħax fejn kontroparti waħda tirċievi imgħax b'rata varjabbli u tħallas imgħax b'rata fissa, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala r-rata mingħajr riskju li tikkorrispondi għal dan li ġej:

(a) il-munita msemmija fil-kuntratt ta' swap;

(b) waħda mill-maturitajiet stabbiliti fl-Artikolu 325l(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, magħżula biex taqbel kemm jista' jkun mal-maturità tal-iswap.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha fejn l-istituzzjoni tħallas imgħax b'rata fissa, u qasira meta l-istituzzjoni tirċievi imgħax b'rata fissa.

16. Għal swaps ta' ekwità fejn kontroparti waħda tirċievi r-redditu fuq stokk jew indiċi ta' stokk u tħallas imgħax b'rata fissa jew b'rata varjabbli, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala l-prezz spot tal-ekwità jew il-prezz spot tal-indiċi, rispettivament.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha meta l-istituzzjoni tirċievi r-redditu fuq l-istokk jew l-indiċi tal-istokk, u qasira meta l-istituzzjoni tħallas ir-redditu fuq stokk jew indiċi tal-istokk.

17. Għal swaps ta' komoditajiet fejn kontroparti waħda tirċievi flussi ta' flus ibbażati fuq il-prezz ta' komodità sottostanti u tħallas imgħax b'rata fissa jew b'rata varjabbli, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-motivatur tar-riskju ewlieni bħala l-prezz spot tal-komoditajiet li jikkorrispondi għal dan li ġej:

(a) it-tip ta' komodità speċifikat fil-kuntratt ta' swap;

(b) waħda mill-maturitajiet stabbiliti fl-Artikolu 325p(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, magħżula biex taqbel kemm jista' jkun mal-maturità tal-iswap.

Il-pożizzjoni għandha tkun twila fil-motivatur tar-riskju ewlieni tagħha meta l-istituzzjoni tirċievi l-flussi tal-flus abbażi tal-prezz ta' komodità sottostanti, u qasira meta l-istituzzjoni tħallas il-flussi tal-flus abbażi tal-prezz ta' komodità sottostanti.

Artikolu 7

